

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Mejju 2013 — macros consult vs UASI — MIP Metro (makro)

(Kawża T-579/10) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva makro — Isem korporattiv macros consult GmbH — Dritt kweżit akkwistat qabel l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta’ trade mark Komunitarja u li jagħti lill-proprietarju tiegħu d-dritt li jipprojbixxi l-użu tat-trade mark Komunitarja li saret applikazzjoni għaliha — Sinjali mhux irregjistrati li jibbenefikaw minn protezzjoni taħt id-dritt Ġermaniż — Artikolu 5 tal-Markengesetz — Artikolu 8(4), Artikolu 53(1)(c) u Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2013/C 178/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: macros consult GmbH — Unternehmensberatung für Wirtschafts — und Finanztechnologie (Ottobrunn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment T. Raible, sussegwentement M. Daubenmerkl, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment R. Manea, sussegwentement G. Schneider, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-18 ta' Ottubru 2010 (Każ R 339/2009-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn macros consult GmbH — Unternehmensberatung für Wirtschafts- und Finanztechnologie u MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) macros consult GmbH — Unternehmensberatung für Wirtschafts- und Finanztechnologie hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 55, 19.2.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Mejju 2013 — Sanco vs UASI — Marsalman (Rappreżentazzjoni ta' tiġieġa)

(Kawża T-249/11) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta tiġieġa — Trade mark figurattiva nazzjonali preċedenti li tirrappreżenta tiġieġa — Raġuni relattiva għal rifjut — Xebh tal-prodotti u tas-servizzi — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2013/C 178/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Sanco, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: A. Segura Roda, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Marsalman, SL (Barcelona, Spanja)

Suġġett

Rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-17 ta' Frar 2011 (Każ R 1073/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Sanco, SA u Marsalman, SL.

Dispożittiv

(1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-17 ta' Frar 2011 (Każ R 1073/2010-2) hija annullata.

(2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.

(3) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 204, 9.7.2011.